*ilsien tiegħu jonqsu ħaġa mill-aktar meħtieġa biex igħaddi bħala nazzjon. Barra dan, l-ilsien tagħna hu r-rabta li żżomm il-Maltin kollha ta' hawn u ta' barra, magħqudin flimkien, bħala aħwa wlied omm waħda.*

*L-ilsien tagħna hu meħtieġ għall-isvilupp intellettwali tal-poplu. Poplu li ma għandux ilsien tiegħu biex juri t-tqanqiliet u x-xejriet ta' qalbu u ta' ruħu, qatt ma jista' jfassal xbieha tal-ħajja nazzjonali tiegħu, qatt ma jista' joħroġ sintesi tal-ġenju tiegħu bħala ġens. Aħna nafu li l-poplu tagħna beda juri interess kbir fil-ħajja politika u beda miexi 'l quddiem fit-tagħlim minn meta l-Ilsien Malti rafa' rasu u ma baqax imkasbar. Il-kotra, biex ingħidu hekk, imxiet 'il quddiem id f'id ma' l-Ilsien Malti.*

*Għalhekk hu ta' ħtieġa kbira kemm għall-ġieh ta' pajjiżna kemm għall-ġid tal-poplu tagħna li l-Ilsien Malti jibqa' miexi 'l quddiem bla tfixkil u bla għawġ ħalli dak li kiseb in-nazzjon tagħna bis-saħħa ta' l-Ilsien tagħna ma jtirx mar-riħ.*

## LID-DMUGĦ

*Ta'* Manwel Cassar

Naħilfu li ħabbejtek, Dmugħ ħarkieni,
Meta lmaħtek tirtogħ'd fl-għajnejn ħamrana
Ta' ħarġa ward li kiber ġewwa ġnieni
Għax int lehimtni biex indomm il-għana.

Darb'oħra għasartli qalbi matul żmieni
Xħin rajtek tnixxi mill-għajnejn kaħlana
Ta' sabi ltim li sab ruħu waħdieni
Għall-ewwel darba f'ġenn il-ħajja tagħna.

Darb'oħra ġgħaltni nħoss ftit gost ta' ħlewwa
Xħin rajtek tilma fil-għajnejn miksura
Ta' tfajla li kissrulha l-pupa tagħha.

'Mma qatt ma ġgħaltni nħobbok hekk bis-sewwa
Daqs xħin f'wiċċi qattart bl-imħabba pura
Ta' dik li tħobbni sfiq u għad ngħix magħha.



# A. Cremona Bhala Drammaturgu

*Studju Kritiku ta'* Ġużè' Chetcuti

NINU Cremona — fi kliem il-Professur Aquilina — bena isem sabiħ fil-letteratura Maltija li tista' xxebbhu lill-ġebel tas-sisien fil-bini ta' dar kbira. Hu wieħed mill-pijonieri ta' l-Ilsien Malti. Ħadem f'kull fergħa sew xjentifika kemm letterarja ta' lsienna : grammatika, folklore, bijografija, drammi, proża u poeżija. Fih tinħass l-enerġija spontanea ta' kittieb u ta' Malti li iddedika ħajtu kollha f'ħidma li ma qatgħet xejn għall-mixi 'l quddiem tal-letteratura Maltija.

Ma hux il-ħsieb tiegħi li nittratta fuq ix-xogħlijiet ta' Ninu Cremona bħala grammatiku jew bħala poeta, iżda bħala drammaturgu, bħala l-kittieb tad-dramm b'att wieħed "Ecce Homo" u tad-dramm b'ħames atti "Il-Fidwa tal-Bdiewa" li nistgħu nqisuh bħala l-ewwel ġebla soda fil-bini ta' l-arti drammatika Maltija.

"Il-Fidwa tal-Bdiewa" hi interpretazzjoni tal-kobor moħbi ta' poplu ċkejken li, għax żgħir, ħtieġlu dejjem jitħabat kontra l-mewġ tal-ħajja. Dan id-dramm irridu nħarsu lejh, kif kiteb tajjeb ħafna l-Professur Aquilina, bħala xogħol letterarju aktar milli bħala xogħol tal-palk. Dan ma jfissirx, kif żied igħid Aquilina, li *Il-Fidwa tal-Bdiewa* ma jistax jinħadem, ifisser biss li hu tqil biex jinħadem, għax l-atturi, irġiel u nisa, irid ikollhom nifs kbir biex iżommu ħaj l-interess fil-ġrajja li tingħad u sseħħ f'dan id-dramm...... Ngħid li jista' jsir il-għaliex l-iżvilupp tal-ġrajja jiġbor diversi inċidenti ta' natura drammatika li, jekk ikunu interpretati sewwa, għandhom jogħġbu lil min jarahom.

It-teknika moderna tal-palk titlob ħeffa fl-azzjoni, xeni u sitwazzjonijiet li mhumiex impossibbli biex jiġu rappreżentati fuq il-palk, u djalogi naturali bi stil li mhuwiex elaborat bla bżonn. Il-lum il-Palk Modern irid naturalezza u mhux artifiċjalità fl-espressjoni u fl-azzjoni. Iżda lil Ninu Cremona f'dawn iż-żewġ drammi rridu nħarsu lejh bħala figura letterarja, bħala l-bniedem li nqata' miż-żmenijiet tagħna u ħadna bl-immaġinazzjoni fi żminijiet imbiegħda : *f'Ecce Homo* ħadna fi żmien Kristu ma' l-elfejn sena ilu, u f'*Il-Fidwa tal-Bdiewa* fi żmien l-Ispanjoli, mal-ħames mitt sena ilu, qabel ma ġew il-Kavalieri.

Kumment f'loku ħafna għamlu l-awtur fl-introduzzjoni tad-dramm "Ecce Homo" : "L-istil klassiku, id-djalogu narrativ,